# IL-KWADRU PRINĊIPALI TAL-KAPPELLA TAL-MADONNA TAL-GRAZZJA



Dan l-inkwadru jippreżenta lil Marija ma' ommha Sant'Anna flimkien ma' Ġesù tarbija u San Ġwann Battista. Max-xellug tal-inkwadru hemm figura maskili oħra li ma nistgħux inkunu ċerti min hu.

Għalkemm ma hemm ebda dokumentazzjoni storika, jingħad illi l-kwadru kien fil-knisja ta' Tigné fil-Ponta ta' Dragut li ġġarfet waqt l-imblokk tal-Franċiżi (1798).

Sab il-post li għandu llum meta nbniet il-kappella għal ħabta tal-1802 [skont l-artiklu ta' Achille Ferris: Descrizione delle Chiese di Malta (1866)].

Huwa kopja tal-oriġinal magħruf bħala 'La Madonna del Divino Amore' xogħol ta' Gianfrancesco Penni, alliev ta' Raffaele Sanzio u li jinsab fil-mużew ta' Napli. Kopja oħra tinsab fil-Palazzo Capitolino f'Ruma.

Lokalment tinsab kopja oħra fil-kappella ta' Franza fil-Konkatidral ta' San Ġwann.

Mhux magħruf min hu l-pittur imma l-inkwadru fih ċertu valur artistiku.

P. Marius Zerafa op offra li jirrestawra dan l-inkwadru u waqt it-tindif tiegħu ħareġ ċar ħafna il-bini li jidher fin-naħa ta' fuq ix-xellug. Il-bini jidher li fih loġġa u li jħares fuq il-baħar. Min jaf fejn hi jew fejn kienet din il-binja?